MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 503/2002/1

**Ceilings Systems Ltd.**

**-vs-**

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti u Chairman tal-Welfare Committee**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fit-3 ta’ Mejju 2002 li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

Illi d-Dipartiment tal-Kuntratti għan-nom tal-Welfare Committee fil-bidu tas-sena 1999 għamel sejħa pubblika għax-xogħlijiet ġewwa r-residenza ta’ St Vincent de Paul, f’Ħal Luqa, liema sejħa kienet iġib l-isem *“Refurbishment (Mechanical and Electrical Services) of Female Wards 19 and 20 at St Vincent De Paul Luqa”;*

Illi s-soċjeta attriċi, Ceilings Systems Ltd, fis-17 ta' Ġunju 1999, sottomettiet offerta għall-imsemmi xogħol, liema offerta ġiet aċċettata mid-Dipartiment tal-Kuntratti permezz ta' ittra datata 27 ta' Ottubru 1999;

Illi matul l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet da parti tas-soċjeta' attriċi l-Welfare Committee u r-rappreżentant tagħha, l-Inġinier Alfred Scicluna, ordnaw diversi xogħlijiet oħra *oltre* dawk imsemmija fil-kuntratt oriġinali u riżultat ta' dan kemm iż-żmien, ta' sitta u tletin (36) ġimgħa kif wkoll is-somma oriġinali ta' Lm635,000, kellhom jiġu estiżi sabiex ikopru dawn il-varjazzjonijiet;

Illi matul l-perjodu oriġinali tal-kuntratt, mingħajr ebda ġustifikazzjoni, fuq deċiżjoni arbitrarja u abbużiva da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, parti konsiderevoli tal-kuntratt ġie assenjat lil terzi, u riżultat ta' dan is-soċjeta' attriċi sofriet telf ta' qliegħ kif ukoll danni oħra;

Illi s-soċjeta' attriċi f'Marzu, 2001 tterminat ix-xogħol fuq l-imsemmi kuntratt u fis-16 ta' Marzu, 2001 ħarġet d-dokumenti kollha relattivi lill-konvenuti, inkluż il-fattura finali, fl-ammont ta' Lm826,657.57;

Illi minkejja li aktar minn sena għaddew minn meta x-xogħol ġie terminat, il-konvneuti, jew min minnhom, għadhom ma ħallsux lis-soċjeta' attriċi l-bilanċ ta' Lm123,874.33:

Illi minkejja diversi interpellanzi tas-soċjeta' attriċi sabiex jersqu għall-ħlas tal-imsemmi bilanċ, il-konvenuti, jew min minnhom, baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti il-għaliex għar-raġunijiet premessi, m'għandhiex din il-Qorti:

1) a) tiddikjara l-konvenuti, jew min minnhom, debituri tas-soċjeta' attriċi għas-somma ta' Lm123,874.33 (mija tlieta u għoxrin elf, tmien mija erbgħa u sebgħin liri Maltin tlieta, u tlieta u tletin ċenteżmu);

b) tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu s-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ Lm123,874.33 (mija tlieta u għoxrin elf, tmien mija erbgħa u sebgħin liri Maltin, u tlieta u tletin ċenteżmu) ;

2. a) tiddikjara illi s-soċjeta’ attriċi sofriet danni b’riżultat tan-nuqqas tal-konvenuti, jew min minnhom, meta dawn assenjaw parti mill-kuntratt tas-soċjeta’ attriċi lil terzi;

b) tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli għal dawn id-danni kollha li sofriet is-soċjeta’ attriċi;

c) tillikwida dawn id-danni li sofriet is-soċjeta’ attriċi, okkorrendo bl-opera tal-perit nominand;

d) tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lis-soċjeta’ attriċi dik is-somma hekk likwidata *in linea* tad-danni.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta’ April, 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru, bl-imgħax legali kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti preżentata fil-31 ta’ Mejju 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1) Illi l-punti mqajma mis-Soċjeta’ attriċi huma suġġett ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-Welfare Committee u l-konsulenti tiegħu mas-Soċjeta’ attriċi u għalhekk id-Direttur tal-Kuntratti mhux il-leġittimu kontradittur f’din il-kawża għaliex mhux responsabbli minn xi nuqqas ta’ ħlas lis-soċjeta’ ġalardarba huwa ma rċieva ebda talba mill-Kumitat biex japprovaha.

2) Illi, kif stipulat fil-Public Service (Procurement) Regulations ħareġ l-approvazzjoni formali tiegħu biex is-somma totali kif ċertifikata mill-konsulenti, jiġifieri Lm755,350.83, titħallas lis-soċjeta' attriċi wara li rċieva talba mic-Chairman tal-Welfare Committee. Huwa ma kellu ebda talba oħra biex jawtorizża xi ħlas ieħor u għalhekk m'hu qed iżomm ebda ħlas uffiċjalment dovut lis-soċjeta' attriċi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tal-Kuntratti u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Chairman tal-Welfare Committee preżentata fit-3 ta' Ġunju 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

*1.* Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti *stante* illi skond l-Artikolu 12.14 tal-kuntratt ta' xogħol relattiv għat-tender ġie stabbilit illi:- *"If at any time any question, dispute or difference shall arise from this contract between the Employer / Engineer in charge and the Contractor saving in so far as applicable with this clause, the provisions contained under the Title XVI of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 16) of the Laws of Malta or of any Law amending or replacing same from time to time being in force, the two parties shall refer such matter to arbitration which shall be conducted in accordance with internationally accepted rules in so far as applicable. The Parties shall agree to abide by the decision of such ad hoc arbitration ……"*

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma ntempestivi *stante* illi mhux minnu illi s-soċjeta' attriċi tterminat ix-xogħol tagħha f'Marzu 2001, u nfatti sal-lum l-ebda *"completion certificate"* ma nħareġ *ai termini* tal-Artikolu 12.6 tal-General Conditions.

3. Illi fir-rigward ta' xogħlijiet *extra* minn dawk riferuti fl-*ispecifications* tat-tender, is-soċjeta' attriċi qatt ma għaddiet *"notice"* bil-miktub lill-*"Engineer in charge"*, hekk kif kienet obbligata tagħmel *ai termini* tal-klawsola numru 12.2.

4. Illi t-talbiet attriċi fir-rigward ta’ danni allegatament sofferti minnha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi għal xhur sħaħ is-soċjeta’ attriċi ħadmet spalla ma’ spalla flimkien mas-soċjeta’ Panta Contracting Limited fuq l-istess proġett.

5. Illi fi kwalunkwe każ is-soċjeta’ attriċi ma lestietx ix-xogħlijiet fiż-żmien stipulat skond it-tender, u ċjoe’ dak ta’ sitta u tletin (36) ġimgħa, liema perjodu qatt ma ġie estiż.

6. Illi mingħajr preġudiżżju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-ammont mitlub hu wieħed esagerat u mhux reali.

7. Illi l-eċċipjenti qed jirriserva kwalunkwe dritt spettanti lilu skond il-liġi fir-rigward ta’ danni penali dovuti mill-istess soċjeta’ attriċi *ai termini* tat-tender imsemmi.

8. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Chairman tal-Welfare Committee u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Rat is-sentenza tagħha tas-6 ta’ Frar 2004 li permezz tagħha l-Qorti ċaħdet l-ewwel l-eċċezzjoni tal-konvenut Chairman tal-Welfare Committee, u ċjoe’ li l-Qorti mhiex kompetenti billi kellu jsir arbitraġġ;

Rat in-nota li permezz tagħha s-socjeta attriċi rriduċiet it-talba tagħha għas-somma ta’ Lm71, 844.54c (fol 65);

Rat id-digrieti tal-1 ta’ Diċembru 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet *Sine Die,* u dak sussegwenti tal-14 ta’ Diċembru 2010 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata mill-ġdid fuq rikors tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Ġunju 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif spjegat fiċ-ċitazzjoni s-soċjeta’ attriċi qed titlob li titħallas bilanċ ta’ prezz ta’ xogħol li hija għamlet fl-Isptar San Vincenz kif ukoll qed titlob ħlas ta’ danni peress li l-konvenuti jew min minnhom assenjaw parti mill-kuntratt lil terzi meta x-xogħol kien għadu mhux mitmum.

Illi l-Qorti qabel xejn tagħmilha ċara li taqbel mal-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li huwa ma hux leġittimu kontradittur f’din il-kawza, għaliex l-istess Direttur kien biss parti fin-negozju ġuridiku billi assenja l-kuntratt in kwistjoni skond it-tender relattiv. Huwa ċar illi l-appalt kien bejn is-soċjeta’ attriċi u l-Welfare Committee u kien dan il-kumitat li għamel il-ħlasijiet u anke estenda t-termini (f’sens ta’ xogħol) tal-kuntratt. Wara li ddeċieda dwar min kellu jirbaħ it-tender, id-Direttur tal-Kuntratt ħareġ mill-istorja għal kollox u għalhekk ma kellux jiġi ċitat. *“Wieħed għandu jiddistingwi bejn il-proċess tas-sejħa għall-offerti jew it-tendering proċess u l-kuntratt* ***ut sic*** *tal-appalt u … iż-żewġ relazzjonijiet ġuridiċi ma humix l-istess u lanqas identiċi.”* **(“Vassallo Builders Limited vs Profs. Rev. Peter Serracino Inglott nomine”,** Prim Awla, 2 ta’ Ottubru 2001). Fl-istess sens ġew deċiżi kawżi oħra, imsemmija mill-istess Direttur fin-nota tiegħu, bħal **“Vassallo Builders vs Malta Development Corporation”**, 2 ta’ Mejju 2002 u **“Mekkanika Limited vs Direttur tal-Kuntratti”**, 26 ta’ Frar 2003, deċiżi t-tnejn mill-Prim’ Awla.

Illi għaldaqstant il-Qorti se tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tad-direttur tal-Kuntratti.

Illi l-kwistjoni allura hija bejn is-soċjeta’ Ceiling Systems u l-Welfare Committee, u hawnhekk wieħed tajjeb jgħid li fil-verita’ fir-rigward tal-ewwel talba s-soċjeta’ attriċi ppreżentat il-kont tagħha a fol 64 fejn kif indikat it-talba ġiet ridotta għal ftit aktar minn Lm71,800 billi saru xi pagamenti minn meta infetħet il-kawża sal-2004; il-

Welfare Committee fil-fatt iddepożita l-Qorti s-somma ta' Lm69,020. 42, u dan peress li nħarġu numru ta' mandati ta' sekwestru f'idejh mingħand diversi sub-kuntratturi ta' Ceiling Systems stess; għalhekk il-Welfare Committee ma setax iħallas direttament lis-soċjeta' attriċi u korrettament għamel id-depożiti msemmija. Pero' filwaqt li l-Kumitat isostni li l-ammont depożitat ikopri s-somma approvata mill-inġiniera nkarigati biex jiċċertifikaw ix-xogħol u jawtorizżaw il-ħlas, is-soċjeta' attriċi ssostni li għad baqagħlha tieħu s-somma msemmija. Dwar dan pero' l-Qorti tirrileva li meta xehed l-allura Segretarju tal-Kumitat Vincent Ellul fl-20 ta' April 2005, huwa qal li fil-fatt is-soċjeta' attriċi kien baqagħalha tieħu bilanċ ta' Lm2,267,68, u ċjoe' d-differenza bejn is-somma depożitata l-Qorti u l-ammont pretiż mill-istess soċjeta', u dan l-ammont kien approvat mill-inġiniera (fol 79). Ix-xhud esebixxa wkoll l-ammonti mħallsa sa dakinhar (fol 91), u l-*invoices* relattivi. Jirriżulta pero' li fl-2006 ġie depożitat ukoll l-ammont imsemmi ta' Lm2,267,69 minħabba sekwestru ieħor (fol 504). Għalhekk il-Qorti jidhrilha li trid tiddeċiedi jekk is-soċjeta' attriċi baqagħlhiex titħallas l-ammont li qed titlob jew dak li qed jgħid dan ix-xhud. Naturalment hemm ukoll il-kwistjoni tax-xogħol li ma sarx mis-soċjeta' attriċi għaliex f'mument minnhom billi skond l-istess xhud, ix-xogħol kien waqa' lura, il-konvenut inkariga lil Panta Lesco Limited biex tagħmel xi xogħol; jidher anzi li f'mument minnhom dawn iż-żewġ soċjetajiet ħadmu flimkien.

Illi Joseph Farrugia, direttur tas-soċjeta' attriċi, esebixxa *'statement of account'* (fol 64) fejn irrefera għall-ħlasijiet li saru mill-konvenut u kkonkluda li huma baqagħlhom jieħdu bilanċ ta' Lm71,844.54. Meta ġie kontro-eżaminat aktar tard qal li għalkemm l-Inġinier Scicluna ma approvax il-ħlas il-varjazzjonijiet fix-xogħol qatt ma ġew mitluba jikkanċellawhom jew iħassruhom (fol 374 et seq.)

Illi mix-xhieda tal-inġinier Alfred Scicluna fl-istess seduta fuq imsemmija, (fol 83), jirriżulta li għalkemm is-soċjeta' attriċi talbet Lm829,000 huma (l-inginiera) m'aċċettawix kollha. Qal ukoll li x-xogħol kellu jitlesta sa' Awissu 2000 iżda sa dakinhar ix-xogħol ma kienx tlesta, *nonostante* li

huma kien ilhom javżaw lill-atturi li ma kienux se jlestu. Kien għalhekk li l-Welfare Committee ddeċieda li jdaħħal kuntrattur ieħor. Huwa qal ukoll li huma approvaw ħlas għas-somma ta’ Lm739,735.45 u qatt ma approvaw il-ħlas mitlub tas-soċjeta’ attriċi, u ċjoe’ Lm829, 000.

Illi Ellul reġa’ rrepeta fis-seduta tat-3 ta’ Ġunju 2005 illi sa dakinhar kien baqa’ mhux imħallas Lm2,267.68c mill-ammonit approvati. Qal ukoll li meta daħħlu lil Panta Lesco, ma saret ebda *‘tender’*. Wara xi seduti sfortunatament ripettivi l-Qorti stiednet lid-difensur tal-atturi biex jippreżenta domandi bil-miktub lid-Direttur tal-Kuntratti u lil Vince Ellul u dan sar. Għalkemm anke dawn ir-risposti huma nebolużi għall-inqas irriżulta illi Panta Lesco tħallset ċirka Lm 87,555 u li l-Kumitat ma ħallasx il-bilanċ mitlub mill-atturi għaliex dawn ma humiex ċertifikati mill-Inġinier Scicluna. (fol. 168 *et sequitur*). F’dan l-istadju l-Qorti tħoss li għandha tikkummenta negattivament dwar il-fatt li s-soċjeta’ attriċi damet tressaq il-provi tagħha **għal ħames snin sħaħ**, ħafna drabi terġa’ tipproduċi l-istess xhieda u ssaqsihom l-istess mistoqsijiet, u dwar il-mod kif xehdu l-persuni li jirrappreżentaw entitajiet pubbliċi li donnhom qatt ma jafu xejn għaliex dak mistoqsi minnhom donnu ma jirrigwardax lilhom iżda lil ħaddiehor. Kienu dawn il-fatturi li rriżultaw fid-dewmien biex tiġi deċiża din il-kawża.

Illi l-Inġinier Scicluna reġa’ ttella’ jixhed mis-soċjeta’ attriċi fit-13 ta’ Ġunju 2007 fejn qal sostanzjalment li l-ammont li huma ma ċċertifikawx kien xogħol li ma sarx u mhux li huma ma riedux iħallsu.

Illi s-soċjeta’ attriċi tellgħet ukoll xhud lid-direttur ta’ Panta Lesco, Henry Attard li qal li huma tħallsu s-somma ta’ Lm87,000 għax-xogħol li għamlu fuq il-lok in kwistjoni. L-ammont ġie approvat mill-Inginier Scicluna. A fol 382 u ’l quddiem ġew esebiti affidavits tal-istess inġinier u ibnu wkoll inġinier, kif ukoll ir-rapporti oriġinali tagħhom; huma kkonkludew (fol 388) illi l-ammont finali li kellu jitħallas lill-atturi kien appuntu ta’ Lm69,020.42 – ammont illum kollu depożitat il-Qorti minħabba s-sekwestri ġja’ msemmija. Mir-rapport jirriżulta ukoll li anke bid-dħul ta’ Panta Lesco

fil-proġett, dan intemm tlett xhur tard. Ix-xhieda esebew ukoll dettalji tal-ħlasijiet u konteġġi li għamlu. Skond kif qalu anke fir-rapport tagħhom, is-soċjeta' attriċi qed titlob ħlasijiet għal xogħol li sar minn Panta Lesco.

Illi minn eżami akkurat tal-provi li ressqu l-atturi, il-Qorti jidhrilha li t-talba tagħha ta' Lm71,844.54 ma ġietx konfortata mill-provi li ressqet hija stess. Ta' min jgħid li *nonostante* l-proċess voluminuż u l-perjodu twil li damet is-soċjeta' attriċi biex ressqet il-provi tagħha, ma ġiet prodotta ebda prova tax-xogħol li effettivament hija għamlet fuq il-proġett u lanqas biss ma esebiet *'invoice',* wisq inqas prova teknika tal-ammont ta' xogħol li sar u l-ammont ta' flus dovuti. Il-Qorti hija għalhekk konvinta li l-bilanċ dovut lilha huwa dak indikat mill-konvenut kif anke provat mid-depożizzjoni ta' nies tekniċi bħalma huma l-inġiniera. Anke jekk tista' tiġi kwalifikata bħala perizja *'ex parte'*, il-konklużjonijiet tagħha ma ġewx attakkati jew saret xi prova li twassal għal xi dubju dwar il-kredibilta' tagħha, u għalhekk kull ma kien dovut huwa kopert mill-ammont li ġie depożitat il-Qorti minħabba s-sekwestri u għalhekk minn dan l-aspett ma hemm xejn dovut mill-atturi. Min jallega jrid jipprova (Artikolu 562 tal-Kap.12), u minn dan l-aspett is-soċjeta' attriċi naqset li tipprova.

Illum jibqa' allura l-kwistjoni ta' jekk il-konvenut setax jinkariga parti mix-xogħol li suppost għamlitu s-soċjeta' attriċi lil terzi. Dwar dan il-Kodiċi Ċivili jgħid illi:

*"1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġa' beda.*

*(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-irkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*

*(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u*

*dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

*(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-sub-artikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*

*(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita' jew konferma mill-Qorti."*

Illi mill-provi jirriżulta ampjament li kien hemm dewmien biex sar ix-xogħol u infatti kif ingħad anke wara li parti mix-xogħol sar minn kuntrattur iehor, dan ma intemmx fiż-żmien miftiehem. Għalhekk kien hemm raġuni valida biex il-kuntratt jinħall, anzi f'dan il-każ il-konvenut ma ħallx il-kuntratt kollu, kif seta' jagħmel, iżda parti minnu, u għalhekk is-soċjeta' attriċi ma tistax tilmenta wisq minn dan l-aspett. Jidher ukoll ċar li l-istess soċjeta' attriċi tħallset dak kollu dovut skond is-sub-inċiz (3) u ġiet żgur informata a tenur tas-sub-inċiz (5) – infatti fl-aħħar parti tal-appalt iż-żewġ soċjetajiet kienu qed jaħdmu flimkien fuq il-lant tax-xogħol mingħajr ma s-soċjeta' attriċi lmentat dwar dan dak iż-żmien.

**DEĊIZJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża, billi tillibera lill-konvenut Direttur tal-Kuntratti mill-osservanza tal-ġudizzju, u tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut Chairman tal-Welfare Committee, u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**Peress li meta ġiet intavolata l-kawża kien għad hemm xi ammonti dovuti, l-ispejjeż ikunu kwantu għal żewġ terzi dovuti mis-soċjeta' attriċi u terz mill-konvenut Chairman tal-Welfare Committee; iżda l-ispejjeż tad-Direttur tal-Kuntratti jkunu nkorsi mis-soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------